MALTA

# TRIBUNAL GHAL TALBIET ZGHAR

## GUDIKATUR DR.

## DEBORAH MIFSUD ATTARD

Seduta tas-27 ta' Gunju, 2014

Talba Numru. 750/2013

**Mobisle Communications Limited**

**(C 24655)**

**Vs**

**Marion Cucciardi**

**(ID 64880M)**

**It-Tribunal,**

Ra l-avviz fl-ismijiet premessi pprezentat fit-22 ta' Novembru, 2013 illi l-konvenuta ghandha tghati lis-Socjeta' attrici s-somma ta' erba' mija wiehed u erbghin ewro u sebgha u disghin centezmu (€441.97) in konnessjoni ma' 99038683 (AC50732374), liema servizzi gew ikkuntrattati permezz ta' kuntratt datat 22 ta' Novembru, 2007.

Illi interpellata diversi drabi sabiex tghaddi ghal hlas, il-konvenuta baqghet inadempjanti u ghalhekk kellha ssir din il-kawza kontra l-konvenuta, bl-ingunzjoni tal-konvenuta in subizzjoni.

Bl-ispejjez u drittijiet, u bl-imghax sa mid-data tal-prezentata tat-talba odjerna.

Ra li mill-atti jirrizulta li ghalkemm il-konvenuta giet debitament notifikata bl-Avviz, ma kkontestatx il-kawza fit-terminu preskritt mill-Ligi u lanqas ma dehret ghas-seduta tas-6 ta' Gunju, 2014 u lanqas ghas-seduta ta’ llum.

Ra l-Kapitlu li gie pprezentat mis-socjeta’ attrici fis-seduta tas-6 ta’ Gunju, 2014 u filfatt il-konvenuta naqset li tidher sabiex tirrispondi ghalih. In-nota tal-mistoqsijiet tisthoqq li tkun emmnuta u ghalhekk ghandha titiehed bhala mistqarra.

Ha konjizzjoni tac-cirkostanzi kollha tal-kaz.

Ghaldaqstant, peress illi t-talba tal-attur tirrizulta sodisfacentement ippruvata, it-Tribunal jilqa’ it-talba u jikkundanna lill-konvenuta thallas lis-socjeta’ attrici is-somma ta’ erba’ mija wiehed u erbghin ewro u sebgha u disghin centezmu (€441.97) bl-imghax legali sa mid-data tal-prezentata tat-talba odjerna sad-data sal-pagament effettiv.

L-ispejjez u drittijiet ikunu a karigu tal- konvenuta.

## < Sentenza Finali >

--------------------------------TMIEM--------------------------------